# Ir-rapport ta' l-eżaminatur ewlieni tar-Reliġjon
# - Eżami tar-Reliġjon -
# Dħul fil-*Junior Lyceum* 2001

**L-Għan ta' l-Eżami**

Il-karta ta' l-eżami ġiet maħduma skond is-sillabu tar-Reliġjon: tagħlim bl-amment u mistoqsijiet twal ġew imħollija barra biex l-eżami jagħti riżultat veru ta' dak li l-istudenti jafu. Fl-eżami ssib it-talba tas-Salve Reġina bl-amment: din ġiet mogħtija b'mod li l-istudenti ma jsibux diffikultà fl-ortografija jew kliem diffiċli.

L-iskop ta' l-istampi kien li jgħin l-istudenti ħalli jsibu l-karta ta' l-eżami aktar familjari u biex jgħinu 'l dawk l-istudenti li għandhom xi diffikultà fil-Malti iżda jafu s-suġġett tar-reliġjon sewwa.

L-għan prinċipali ta' l-eżami hu li l-kandidati juru kemm jafu dak li tgħallmu, jesprimuh ċar u jipprattikawh fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

**Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw**

Mistoqsija A: **Agħżel it-tajba**

Dawn is-sentenzi ġew magħżula mit-test :"Lejn il-Missier 6". Il-biċċa l-kbira ta' l-istudenti rrispondew tajjeb ħafna. Il-mistoqsija nru. 7 ħolqot xi diffikultà. L-iskop ta' din il-mistoqsija kien li tara jekk l-istudenti jafux xi tfisser il-kliem li uża Ġesù fl-aħħar ikla: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"

Mistoqsija B: **Aqra u wieġeb**

F'din il-mistoqsija l-istudenti kellhom storja komuni fl-iskejjel tagħhom ta' bullying. Il-mistoqsijiet kienu, f'sitwazzjoni bħal din, int bħala nisrani, kif ser iġġib ruħek. Biex fit-tweġibijiet tagħhom l-istudenti jkunu aktar pożittivi, saqsejna lill-kandidati kif ser iġibu ruħhom fil-break.

Ħafna studenti wrew fit-teorija li jafu kif għandhom iġibu ruħhom meta jiltaqgħu mal-bullying fl-iskejjel tagħhom. Iżda meta tlabnihom jagħtu ideat pożittivi fil-ħin tal-logħob, huma rrepetew l-istess ħsibijiet bi kliem differenti. (nru. 6-10). Jew kitbu dak li ma għandhomx jagħmlu bħal: 'ma ngħidx kliem pastas', 'ma nilgħabx ħażin', 'ma niġġelidx'…Xi studenti għandhom l-idea li tista' tiġġieled il-bullying billi inti tkun bully (nru. 3). Billi huwa diffiċli tinsa u taħfer, f'dan l-eżerċizzju kellna xi tweġibiet mhux insara.

Mistoqsija Ċ: **Imla l-vojt b'dan il-kliem**

Dan l-eżerċizzju ttestja kemm it-tfal kienu jafu fuq ir-reliġjon (Religious Knowledge). Mit-test ġew magħżula 10 kelmiet. L-għan ta' dan l-eżerċizzju hu li jagħti cans lil dawk l-istudenti li jafu sewwa r-Reliġjon u li jsibu xi diffikultà biex jifhmu u japplikaw dan it-tagħlim. Kważi l-kandidati kollha ġabu l-mistoqsijiet kollha tajbin. Ftit studenti mgħaġġlin sabu diffikultà l-iktar billi ħawdu l-kelma "Quddiesa" ma' "Qaddisa". Dan ġara wkoll għax il-kelma Qaddisa ma kinetx miktuba ħdejn il-kelma Trinità fuq l-istess linja.

Mistoqsija D: **Agħżel l-10 tajbin li jgħidulna xi ħaġa dwar il-Madonna u iktibhom taħt.**

**Ingħataw 20 sentenza fuq il-Madonna. Xi studenti bl-għaġla taw tweġibiet stupidi bħal 'il-Madonna twieldet Betlem'. Kwantità kbira ta' studenti kitbu li l-Madonna** **"**Qatluha b'sikkina ġo qalbha."
Wieħed għandu jaħseb jekk ir-rappreżentazzjoni simbolika tal-Madonna tad-Duluri bl-istallet ġo qalbha l-istudenti hux qegħdin jifhmuha. Fil-mistoqsija ġiet użata l-kelma sikkina u mhux sejf biex dan l-iżball ma jseħħx. Niftakru li s-simboliżmi fir-Reliġjon huma metodi biex ikollna tagħrif sħiħ tagħhom.

Mistoqsija E: **Uri li taf xi jfissru dawn il-kelmiet billi tikteb sentenza fuqhom.**

Ħafna huma l-istudenti li jsibuha bi tqila li jesprimu ruħhom u aktar w aktar jwieġbu l-mistoqsijiet f'sentenzi sħaħ. Ħafna huma l-istudenti li jużaw biss kliem biex juru li fehmu l-ħsieb jew il-kelma mogħtija lilhom mingħajr ma jinkwetaw humiex iwieġbu b'sentenza. Xi wħud kellhom ideat żbaljati fuq il-quddiesa (iħawdu l-quddiesa mal-knisja), fuq il-liturġija tal-kelma (iħawdu mal-Bibbja),u fuq il-kelma kalċi (iħawdu ma' l-inbid jew id-Demm ta' Kristu li hemm fih).

Mistoqsija F: **Immarka Veru jew Falz**

Is-sentenzi f'dan l-eżerċizzju huma biex tara kemm l-istudenti japplikaw dak li jitgħallmu fil-ħajja ta' kuljum. Kważi l-istudenti kollha għamlu t-tweġibiet kollha tajbin f'din il-mistoqsija.

Mistoqsija Ġ: **Kompli Alla tana:**

Dan kien eżerċizzju ieħor biex tara sa fejn l-istudenti huma kapaċi japplikaw fil-ħajja tagħhom dak li jitgħallmu fil-lezzjoni tar-Reliġjon. Dan l-eżerċizzju kien jitlob ftit immaġinazzjoni u ħsieb. Ħafna kandidati irrispondew li kull ma jagħtina Alla jagħtih lilna personali biex ngħixu aħjar. Ftit wieġbu li dak kollu li jagħtina Alla aħna nistgħu nużawh għall-ġid ta' l-oħrajn.
Fil-mistoqsija fuq il-knisja, jidher ċar li l-kandidati mhumiex kapaċi jagħmlu distinzjoni bejn il-knisja bħala istitwita minn Ġesù Kristu biex isalvana u l-knisja bħala bini, u ħafna rriferew għall-knisja bħala 'rigal li Alla jagħti lili biss'.
Fil-mistoqsija marbuta ma' l-ambjent kien hemm tweġibiet tajbin ħafna. Per eżempju fit-tweġibiet "Alla tana d-dinja u l-annimali", ħafna kandidati tkellmu fuq l-obbligu li għandna biex niżviluppaw id-dinja u nieħdu ħsieb il-ħajja tal-għasafar. Fuq ir-ruħ, l-istudenti taw tweġibiet interessanti ħafna, iżda meta l-mistoqsija kienet għalfejn Alla tana ġisimna, ħafna ma kenux kapaċi jirrispondu. Ftit li xejn wieġbu li Alla tana ġisimna biex niżviluppaw it-talenti tagħna fis-servizz tal-proxxmu u ta' Alla nnifsu. Il-biċċa l-kbira tal-kandidati rrispondew li Alla tana ġisimna biex nieħdu ħsiebu.

Mistoqsija G: **Imla l-vojt u kompli din it-talba:**

Salve Reġina

Din it-talba ġiet miktuba b'għaxar kelmiet nieqsa biex ikompluha l-istudenti. Dawn l-għaxar kelmiet ġew miktuba ġo kaxxa separata biex il-kandidati ma jkollhomx diffikultà fil-Malti u jġibu marki sħaħ. Għalkemm sar dan xi studenti ħawdu l-kelma 'turufnati' mal-kelma 'turufnament'. Dan juri li xi studenti ma jkunux jafu xi jfissru l-kliem kollu fit-talb ta' bl-amment.

Mistoqsija Għ: **Ġesu jwaqqaf l-Ewkaristija**

Silta fuq l-Ewkaristija kellha tkun ta' għajnuna biex il-kandidati jirrispondu dan l-eżerċizzju. L-ewwel żewġ mistoqsijiet dehru li kienu faċli. In-numru 3 "għaliex aħna nemmnu dan" kienet tqila. Fis-silta kien hemm miktub li l-appostli sabuha bi tqila li jemmnu dan iżda huma kienu jafu li Ġesù kellu setgħa kbira li jagħti l-ħajja ta' dejjem lil min jiekol ġismu u jixrob demmu.

In-nru. 4 kienet faċli u l-kandidati rrispondew mis-silta ta' fuq.

In-nru. 5 kienet titlob attenzjoni u ħsieb u l-istudenti kellhom jagħqdu flimkien din is-silta ma' dak li studjaw fl-iskola. In-nri. 6-9 ittestjaw jekk l-istudenti fehmux sew, u kważi l-kandidati kollha rrispondew tajjeb.

Fin-nru.10 l-kandidati ġew mitluba biex jiktbu talba wara t-tqarbin għal ħabib tagħhom fil-bżonn. Numru kbir ta' kandidati ma tawx kas il-mistoqsija u kitbu l-ewwel talba li ġiethom f'moħħhom: min talab għall-paċi u min biex jgħaddi mill-eżami tal-Junior Lyceum.

Mistoqsija H: **Aqra sewwa din l-istorja.**

**Silta dwar lċ-ċelebrazzjonijiet ta' Lejlet il-Milied li jagħmlu s-soċi tal-MUSEUM.** Għaxar mistoqsijiet fuq il-Milied u l-venerazzjoni tal-qaddisin ġew mogħtija fuq din is-silta. Billi l-Papa kien għadu kemm ġie Malta u ddikjara beati lil tliet Maltin, l-istudenti sabu faċli dan l-eżerċizzju. Il-mistoqsijiet ikkonċentraw fuq Dun Ġorġ, għaliex kien speċjali u x'għamel speċjali Dun Ġorġ u kif jistgħu jimitawh u għaliex aħna nqimu l-qaddisin. Kien hemm ukoll ftit mistoqsijiet faċli fuq il-Milied u kif niċċelebraw il-Milied bħala festa reliġjuża. Fis-silta kien hemm it-tweġibiet kollha ta' dawn il-mistoqsijiet. Madankollu xi wħud taw tweġibiet fil-vojt bħal "il-knisja tqim il-qaddisin għax huma kienu nies tajba", "Aħna nistgħu nimitaw lil Dun Ġorġ billi nkunu tfal tajbin", u "Dun Ġorġ kien xhieda ta' Kristu għax kien raġel tajjeb".

Il-parti l-kbira ta' l-istudenti fit-tweġibiet tagħhom urew li huma kienu studjaw il-lezzjoni fuq il-qaddisin u kienu kapaċi jagħqdu flimkien dak li studjaw fit-text book ma' dak li kienu qed jisimgħu fuq il-media u dak li qraw fis-silta mogħtija.

L-iskop ta' din il-karta huwa miexi mal-linja tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li tgħid li rridu nagħtu aktar kas li l-kandidati jifhmu u japplikaw it-tagħlim fil-ħajja ta' kuljum.

Fir-Reliġjon aħna ma nistgħux nisseparaw il-prattika fil-ħajja minn dak li nitgħallmu fuq il-bankijiet ta' l-iskola.

Jiena ċert li karta bħal din qed tagħmel aktar enfasi fuq kif tapplika t-tagħlim milli titgħallem affarijiet bl-amment u definizzjonijiet.

Xi żbalji komuni fil-kandidati f'din il-karta ta' l-eżami għandhom iġegħluna naħsbu jekk dak li qed nagħllmu lill-istudenti hux qiegħed jiftiehem sewwa. L-iskop tagħna hu li ngħaddu t-tagħlim veru ta' Ġesù fil-knisja u niffurmaw ċittadini tajbin għal pajjiżna.